



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 13 ta' April 2010 (26.04)
(OR. en)**

8252/10

PUBLIC 18

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL MARZU 2010

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

- L-ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Marzu 2010.^{1 2}
- L-ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, il-laqgħa rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u skont il-każ, ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispejgazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

¹ Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li huma adottati wara l-iffirmar mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew u s-Segretarji-Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet (<http://consilium.europa.eu/>) ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Legislativa", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: <http://consilium.europa.eu/>, ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Legislativa", "Minuti tal-Kunsill").

LISTA TAL-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL**F'MARZU 2010**

L-2999 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA u RIĊERKA), li saret fi Brussell fl-1 u t-2 ta' Marzu 2010

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
5885/4/10 REV 4

2010/129/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/129/PESK tal-1 ta' Marzu 2010 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK dwar miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja
ĠU L 51, 29.12.2009, p. 23-23

2010/126/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/126/PESK tal-1 ta' Marzu 2009 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja
ĠU L 51, 2.3.2010, p. 18-18

2010/127/PESK: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 127/2010 tal-1 ta' Marzu 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Eritrea
ĠU L 51, 2.3.2010, p. 19-21

2010/128/PESK: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/128/PESK tal-1 ta' Marzu 2010 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq
ĠU L 51, 2.3.2010, p. 22-22

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 168/2010 tal-1 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

ĠU L 51, 2.3.2010, p. 1-1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 195/2010 tal-1 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1202/2009 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet tal-alkoħol furfuriliku li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' "esportatur għdid" skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

ĠU L 60, 10.3.2010, p. 1-4

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa għal politika industrijali għida
6279/3/10 REV 3 + REV 3 COR 2

Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2010 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fis-suq intern,
ĠU C 56, 6.3.2010, p. 1-4

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Reviżjoni tal-Istrutturi u l-Mekkaniżmi tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka
6666/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mobbiltà u l-karrieri tar-riċerkaturi Ewropej
6362/2/10 REV 2

It-3000 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fi Brussell fit-8 u d-9 ta' Marzu 2010

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva 86/613/KEE
17279/3/09 REV 3

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali
PE-CONS 4/10 + REV 1 (de)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1672/2006/KE li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress.
PE-CONS 3/10

Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 68, 18.3.2010, p. 13-20

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar sistemi għall-ġbir ta' informazzjoni dwar drogi
6607/10 + COR 1 (de)

2010/145/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/145/PESK tat-8 ta' Marzu 2010 li ġġedded miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY)
ĠU L 58, 9.3.2010, p. 8-16

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eradikazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa fl-Unjoni Ewropea
6585/10 + REV 1 (hu) + REV 2 (pt)

It-3001 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fi Brussell fil-11 u t-12 ta' Marzu 2010

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
5218/10 + COR 1 (nl) + REV 1 (hu) + REV 2 (cs)

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew fuq l-ilmijiet interni navigabbli u li jemenda r-Regolament KE Nru 2006/2004 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
14849/3/09 REV 3

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea rigward l-abbozz ta' Deċiżjoni 1/2003 u l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni 1/2003 tal-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank
6087/10

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faroe dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, li jassoċja lill-Gżejjer Faroe mas-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni (2007-2013)
5475/10 + COR 1 (hu) + REV 1 (mt)

2010/197/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/197/PESK tal-31 ta' Marzu 2010 dwar il-varar ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia)
ĠU L 87, 7.4.2010, p. 33-33

2010/179/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK tal-11 ta' Marzu 2010 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC fil-kontroll ta' armi fil-Balkani tal-Punent, fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u tal-munizzjon tagħhom
ĠU L 80, 26.3.2010, p. 48-51

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "L-Investiment fl-Iżvilupp ta' Teknoloġiji b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju (Pjan SET)".
6688/10 + COR 1

It-3002 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fi Brussell fil-15 ta' Marzu 2010

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1331/2008 u li jħassar r-Regolament (KE) Nru 258/97 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
11261/3/09 REV 3

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 219/2010 tal-15 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 53/2010 rigward l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u wara l-konklużjoni tal-arranġamenti bilaterali dwar is-sajd għall-2010 man-Norveġja u l-Gżejjer Faroe
ĠU L 71, 19.3.2010, p. 1-38

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tibdil fil-klima: Segwitu għall-Konferenza ta' Kopenhaġen (7-19 ta' Diċembru 2009)
7562/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bijodiversità: Viżjoni u miri tal-UE u globali għal wara l-2010 u s-sistema legali internazzjonali tal-ABS
7536/10

It-3003 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell, fil-15 ta' Marzu 2010

Direttiva tal-Kunsill 2010/23/UE tas-16 ta' Marzu 2010 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront tal-fornimenti ta' ċerti servizzi suxxettibbli għal frodi
ĠU L 72, 20.3.2010, p. 1-2

Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra
ĠU L 84, 31.3.2010, p. 1-12

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tas-servizzi finanzjarji intermedjarji mkejla b'mod indirett (FISIM) għall-istabbiliment tad-dħul nazzjonali gross (DNG) użat għall-finijiet tal-baġit tal-Unjoni Ewropea u r-riżorsi proprji tagħha
5946/10 + COR 1 (et) + REV 1 (ro)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ewropa 2020
7586/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħruġ finanzjarju
7587/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġiji ta' ħruġ għal miżuri relatati mal-kriżi fis-swieq tax-xogħol u tal-prodotti
7588/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament tat-tibdil fil-klima
7591/10

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida tal-baġit għall-2011
6794/10

It-3004 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-22 ta' Marzu 2010

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar il-partekippazzjoni tal-Montenegro fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi l barra mix-xtut tas-Somalja (Operazzjoni Atalanta)
6976/10

It-3005 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN), li saret fi Brussell fit-22 ta' Marzu 2010

Regolament (UE) Nru 265/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li jemenda l-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-moviment tal-persuni li jkollhom viża għal soġġorn fit-tul
ĠU L 85, 31.3.2010, p. 1-4

2010/168/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/168/PESK tat-22 ta' Marzu 2010 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan
ĠU L 75, 23.3.2010, p. 22-24
Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar Aċċess Liberu għall-informazzjoni fl-Iran
7644/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill - il-pożizzjoni tal-UE għall-Konferenza Internazzjonali ta' New York dwar il-Haiti
7603/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan
7585/10

It-3006 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fi Brussell fid-29 ta' Marzu 2010

Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 452/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw, fost oħrajn, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina
7330/10

Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2007/641/KE dwar il-konklużjoni ta' konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u l-Artikolu 37 tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp
6984/10

2010/186/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/186/PESK tad-29 ta' Marzu 2010 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea
ĠU L 83, 30.3.2010, p. 23-23

Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro min-naħa l-oħra.
11568/1/07 REV 1

Proċedura bil-miktub konklużi fil-31 ta' Marzu 2010

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-varar ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) 7574/10

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATIVI MARZU 2010			
TITOLU TAL-ATT LEGISLATIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
L-2999 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA u RIĊERKA), li saret fi Brussell fl-1 u t-2 ta' Marzu 2010 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	5885/4/10 REV 4	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: kontra: NL astensjoni: BE, DK, ES, PT
Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja għandhom jistinkaw biex jiffaċilitaw il-kapaċità tal-operaturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'kont meħud speċifikament tas-sitwazzjoni tal-impriżi/l-operaturi żgħar u ta' daqs medju.			
Dikjarazzjoni mir-Renju Unit, id-Danimarka, il-Belġju u Spanja Ir-Renju Unit, id-Danimarka, il-Belġju u Spanja jiddispijaċihom li l-Pożizzjoni tal-Kunsill mhijiex aktar ambizzjuża u aħna nibqgħu tal-fehma li l-UE għandha turi tmexxija b'saħħitha u soda dwar din il-kwistjoni. Aħna nemmnu li r-Regolament għandu jinkludi projbizzjoni dwar l-ewwel tqegħid fis-suq tal-Unjoni Ewropea ta' injam illegali. Dan għandu jikkumplimenta l-approċċ ta' diliġenza dovuta u jippermetti lill-Istati Membri jieħdu azzjoni kontra operaturi li qiegħdu fis-suq injam illegali. Aħna nhegħu lill-Kunsill biex jaħdem mal-Parlament Ewropew sabiex jinkiseb Regolament ambizzjuż li jiżgura li l-injam illegali ma jistax jitqiegħed fis-suq.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
MARZU 2010

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakkja: Il-prodotti tal-injam inniżżlin fl-Anness għar-Regolament huma differenti fil-kumplessità tal-katina ta' forniment, li hija ddeterminata prinċipalment min-numru ta' fażijiet fl-ipproċessar industrijali tagħhom u min-numru ta' komponenti kostitwenti tagħhom. Għaldaqstant il-kumplessità tal-katina ta' forniment ta' daww il-prodotti tal-injam inniżżlin fl-Anness tirrappreżenta waħda mill-fatturi prinċipali li jinfluwenzaw l-abbiltà tal-operaturi, l-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ u l-awtoritajiet kompetenti biex ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u, f'dan ir-rigward, taffettwa l-implimentazzjoni adatta, effiċjenti u effettiva tar-Regolament. Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni 1. B'rabta mal-Artikoli 12 u 18, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta evalwazzjoni dwar is-sitwazzjoni ekonomika u kummerċjali attwali fl-UE fir-rigward tal-prodotti skont il-Kapitolu 49 tal-Kodiċi Doganali tal-UE, sabiex tqis l-inklużjoni possibbli tagħhom fil-lista ta' prodotti annessa għal dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha wkoll tistinka biex tiffaċilita l-kapaċità tal-operaturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament, b'kont meħud speċifikament tas-sitwazzjoni ta' intrapriżi/operaturi żgħar u ta' daqs medju. 2. Il-Kummissjoni tilqa' l-qbil milħuq fil-Kunsill dwar ir-Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-injam u prodotti tal-injam. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tieħu nota tal-premessa 23 il-ġdida dwar il-konsultazzjoni ta' esperti fil-fażi preparatorja ta' atti delegati. Il-Kummissjoni tqis li l-gruppi ta' esperti ma jistax ikollhom rwol istituzzjonali formali. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-involvement ta' esperti fit-tħejji ta' atti delegati ma jistgħux jiġu inklużi fl-atti bażiċi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għall-Komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Diċembru 2009. Sabiex il-proċess leġislativ jitħalla jimxi 'l quddiem bil-ħsieb tal-adozzjoni fil-ħin ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni mhijiex ser topponi l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ladarba s-sustanza tal-kompromess milħuq, fl-intier tiegħu, jilħaq l-għanijiet tal-proposta. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li terġa' tqis il-premessa msemmija hawn fuq matul it-tieni qari, b'kont meħud ukoll tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar din il-kwistjoni.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI MARZU 2010			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Olanda Il-Pajjiżi l-Baxxi jikkunsidraw importanti ħafna l-fatt li l-komunità internazzjonali tfittex li tipprojbixxi l-kummerè ta' injam illegali. Fil-fehma tal-Pajjiż l-Baxxi, l-UE għandha tkun fuq quddiem fil-Forum tan-NU dwar il-Foresti (UNEF) fit-trattament tal-problema ta' injam illegali u tfittex li tkun introdotta projbizzjoni intenazzjonali dwar il-kummerè tiegħu. B'dan il-ħsieb, il-Pajjiżi l-Baxxi jemmnu li l-proposta tal-Kummissjoni kif tinsab issa għandha tissaħħaħ billi tiżdied projbizzjoni fuq il-kummerè ta' injam illegali li jista' jinħadem, f'konformità mal-FLEGT u b'mod konsistenti mal-qafas tad-WTO. - Għaldaqstant, il-Pajjiżi l-Baxxi ma jistgħux jaqblu mal-proposta mressqa mill-Presidenza u jappellaw lill-Kunsill biex ikompli l-ħidma fuq il-proposta mal-Parlament Ewropew sabiex din twassal għal projbizzjon fuq il-kummerè ta' injam illegali.			
It-3000 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĤHA u AFFARIJET TAL-KONSUMATUR), li saret fi Brussell fit-8 u d-9 ta' Marzu 2010			
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva 86/613/KEE	17279/3/09 REV 3	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: DE, HU, UK
Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża dwar l-Artikolu 7(4) Id-delegazzjoni Belġjana tiddikjara li s-sistema tagħha ta' voucher ("titres-services") għandha titqies bħala servizz soċjali nazzjonali għall-finijiet tal-Artikolu 7(4).			
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament <i>Progress</i> għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali	PE-CONS 4/10 + REV 1 (de)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: kontra: DE

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI MARZU 2010			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni Suġġett: Finanzjament tal-istrument ta' mikrofinanzjament Ewropew Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għall-istrument ta' mikrofinanzjament għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 ġiet stabbilita għal EUR 100 miljun; din ser tkun parzjalment finanzjata permezz ta' tnaqqis ta' EUR 60 miljun mill-baġit allokat għall-programm Progress. Fil-proġett tal-baġit tagħha, il-Kummissjoni ser ttiprovdi marġini mhux allokat suffiċjenti fil-limiti massimi tan-nefqa stabbilita għas-subintestatura 1a biex tippermetti lill-awtorità tal-baġit, jiġifieri l-Kunsill u l-Parlament, biex iżżid b'massimu ta' EUR 20 miljun il-baġit iddedikat għall-programm Progress għall-perijodu 2011-2013, f'konformità mal-punt 37 tal-ftehim interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba.			
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1672/2006/KE li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjeta' Soċjali – Progress.	PE-CONS 3/10	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħliet: kontra: DE
Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni Suġġett: Finanzjament tal-istrument ta' mikrofinanzjament Ewropew Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għall-istrument ta' mikrofinanzjament għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 ġiet stabbilita għal EUR 100 miljun; din ser tkun parzjalment finanzjata permezz ta' tnaqqis ta' EUR 60 miljun mill-baġit allokat għall-programm Progress. Fil-proġett tal-baġit tagħha, il-Kummissjoni ser ttiprovdi, marġini mhux allokat suffiċjenti fil-limiti massimi tan-nefqa stabbilita għas-subintestatura 1a biex tippermetti lill-awtorità tal-baġit, jiġifieri l-Kunsill u l-Parlament, biex iżżid b'massimu ta' EUR 20 miljun il-baġit iddedikat għall-programm Progress għall-perijodu 2011-2013, f'konformità mal-punt 37 tal-ftehim interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI MARZU 2010			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
It-3001 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U <u>ENERĠIJA</u>), li saret fi Brussell fil-11 u t-12 ta' Marzu 2010 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	5218/10 + COR 1 (nl) + REV 1 (hu) + REV 2 (cs)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni minn Spanja Ir-Renju ta' Spanja jappoġġa l-prinċipji sottostanti l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Madankollu, huwa jikkunsidra li kien ikun preferibbli li jiġi stabbilit perijodu ta' mhux aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa għall-obbligu li tiġi pprovduta notifika minn qabel dwar il-ħtieġa għal assistenza għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa, peress li jħoss li perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa jkun aktar favorevoli sabiex l-assistenza tiġi pprovduta lil dawn il-passiġġieri, kif ukoll perijodu suffiċjenti sabiex il-manijer tal-istazzjon tax-xarabankijiet jew tal-kowċijiet ikun jista' jippjana din l-assistenza.			
Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tiddikjara li, minkejja l-fatt li l-qbil politiku ma jissodisfax bis-sħiħ ċerti objettivi importanti tal-proposta inizjali tagħha, hi mhijiex beħsiebha topponi dan il-qbil sabiex tiżgura li l-proċedura leġislattiva ordinarja titkompla.			
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew fuq l-ilmijiet interni navigabbli u li jemenda r-Regolament KE Nru 2006/2004 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	14849/3/09 REV 3	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI MARZU 2010			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Greċja Ir-Repubblika Ellenika tappoġġa b'mod sħiħ u inekwivoku l-għanijiet tal-proposta għal Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew fuq l-ilmijiet interni navigabbli, li għandu importanza speċjali għall-pajjiżi b'industrija tat-trasport marittimu, bħall-Greċja, b'mod partikolari safejn huwa jsaħħaħ u jagħmel aktar effettiva l-protezzjoni tad-drittijiet tan-numri kbar ta' passiġġieri li jivvjaġġaw kull sena. Madankollu, ir-Repubblika Ellenika tixtieq tiddikjara li, fl-opinjoni tagħha, il-proposta għal Regolament għandha turi aktar bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali tal-passiġġieri, li hija tipproteġi tajjeb, u l-interessi leġittimi tat-trasportaturi bil-baħar (speċjalment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) li, f'ċerti każijiet (force majeure, ċirkostanzi eċċezzjonali), jirriżultaw fi spejjeż eċċessivi mingħajr ma jkun tort tagħhom. B'mod partikolari, ir-Repubblika Ellenika tikkunsidra li l-eżenzjonijiet imniżżlin fl-Artikolu 20a (13874/09), u speċjalment fil-paragrafu 3 tiegħu, għandhom barra minn hekk jinkludu l-obbligu li tiġi pprovduta akkomodazzjoni (Artikolu 18(2)) ukoll fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali bħal operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, trasport ta' persuni morda, inċidenti li jinvolvu s-sikurezza tal-bastiment u l-passiġġieri u kopertura ta' ħtiġijiet straordinarji tat-trasport, li huma kruċjali għall-funzjonament effettiv tan-netwerk kostali Grieg li huwa estensiv ħafna.			
It-3002 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fi Brussell fil-15 ta' Marzu 2010 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1331/2008 u li jħassar r-Regolament (KE) Nru 258/97 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	11261/3/09 REV 3	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: EL, UK

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
MARZU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-24 Stat Membru* dwar l-aspetti kollha tat-tekniki għall-ikklonjar tal-annimali Aħna ninnutaw il-qbil tal-Kunsill dwar il-fatt li t-tekniki għall-ikklonjar tal-annimali, b'hat-teknika għat-trasferiment nukleari ta' ċelluli somatiċi, għandhom karatteristiċi speċifiċi li jimplikaw li r-Regolament dwar Ikel Ġdid ma jistax jittratta l-kwistjonijiet kollha tal-ikklonjar. Aħna ninnutaw ukoll li l-maġġoranza ta' Stati Membri hija tal-fehma li ikel prodott minn annimali mnisslin bl-użu ta' teknika ta' kklonjar u mill-frieħ tagħhom għandu jkun irregolat b'leġislazzjoni speċifika. Konsegwentement, tali ikel għandu jkun eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar Ikel Ġdid hekk kif leġislazzjoni speċifika issir applikabbli. Sadanittant, u sabiex jiġu evitati distakki leġislattivi, daww l-oġġetti tal-ikel għandhom jiġu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar Ikel Ġdid. F'dan il-kuntest l-aspetti rilevanti kollha tat-teknika tal-ikklonjar, b'mod partikolari s-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali, kwistjonijiet etiċi, is-sikurezza tal-ikel u aspetti relatati mal-kummerċ għandhom jiġu vvalutati bir-reqqa. Fid-dawl tar-riżultat ta' din il-valutazzjoni, aħna ninnutaw il-qbil tal-maġġoranza tal-Istati Membri sabiex il-Kummissjoni tintalab tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal leġislazzjoni speċifika rigward l-aspetti kollha tat-tekniki tal-ikklonjar. Dikjarazzjoni mir-Renju Unit u l-Olanda Il-Pajjiżi Baxxi u r-Renju Unit jixtiequ li tiġi rreġistrata r-raġuni għaliex aħna ma stajniex inżidu l-appoġġ tagħna għad-dikjarazzjoni ppreżentata mill-24 Stat Membru u b'mod partikolari nixtiequ nenfasizzaw l-importanza li wieħed jaderixxi għall-prinċipju li l-leġislazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza u li s-soluzzjonijiet leġislattivi m'għandhomx jiġu deċiżi qabel ma jitlestew il-valutazzjonijiet dettaljati. Id-dikjarazzjoni tal-Istati Membri titlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal leġislazzjoni speċifika rigward l-aspetti kollha tat-tekniki tal-ikklonjar. Il-Pajjiżi Baxxi u r-Renju Unit jirrikonoxxu li tista' tkun meħtieġa leġislazzjoni speċifika li tirregola l-ikel prodott minn annimali bl-użu ta' teknika ta' kklonjar u mill-frieħ tagħhom. Madankollu, sakemm il-Kummissjoni tkun għamlet valutazzjoni tal-ħtieġa għal tali leġislazzjoni u tkun ippreżentat rapport lill-Kunsill u l-PE kif previst fl-Artikolu 24(2) tat-test tal-pożizzjoni fl-ewwel qari, aħna nemmnu li huwa prematur biex isir appell għal leġislazzjoni fuq firxa wiesgħa sakemm ikun magħruf l-eżitu tar-rapport tal-Kummissjoni u, jekk ikun meħtieġ, tkun saret valutazzjoni dettaljata tal-impatt.			

* Awstrija, Belġju, Bulgarija, Ċipru, Danimarka, Estonja, Finlandja, Franza, Ġermanja, Irlanda, Italja, Latvja, Litwanja, Lussemburgu, Malta, Polonja, Portugall, Rumanija, Repubblika Ċeka, Slovakkja, Slovenja, Spanja, Svezja u Ungerija.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
MARZU 2010

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Greċja Il-Greċja tastjeni mill-votazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1331/2008 u li jħassar Regolament (KE) Nru 258/97 u Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 Il-Greċja tikkunsidra li ikel prodott minn annimali mnislin bl-użu ta' tekniki tal-ikklonjar u mill-frieħ tagħhom m'għandux ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta ta' hawn fuq. Aħna nemmnu li għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa u l-benessere tal-annimali u s-sostenibbiltà tal-ambjent, it-tqegħid ta' tali ikel fis-suq intern għandu jiġi pprojbit. Din il-pożizzjoni hija sostnuta minn, fost oħrajn, il-ħtieġa li jiġi applikat il-prinċipju prekawzjonarju peress li, abbażi tal-evidenza xjentifika sa issa, ma jistgħux jiġu esklużi perikli futuri potenzjali li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' tekniki ta' kklonjar tal-annimali għall-produzzjoni tal-ikel. Aħna nixtiequ nenfasizzaw ulterjorment li l-pożizzjoni tagħna tirrifletti s-sensittività kbira u l-attitudni negattiva tal-opinjoni pubblika Griega fl-intier tagħha fir-rigward tal-kwistjoni ta' ikel minn annimali kklonjati. Dikjarazzjoni mill-Ġermanja Fil-qafas tad-diskussjonijiet bil-ħsieb li tiġi adattata l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Ġermanja indikat it-tħassib serju tagħha fir-rigward tal-approċċ magħżul, li bla dubju jikkonsisti fl-inklużjoni tal-ikel ġdid fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel, iżda li madankollu tipprevedi proċedura ta' awtorizzazzjoni differenti minn dik applikabbli għas-sustanzi diġà koperti bil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Il-Ġermanja għadha tinsab imħassba. Madankollu, sabiex ma tostakolax il-konklużjoni ta' kompromess jew l-adozzjoni ta' pożizzjoni komuni, filwaqt li tirtira r-riżervi tagħha, il-Ġermanja tappoġġa l-approċċ propost bil-ħsieb li r-Regolament jiġi adattat għat-TFUE. Il-Ġermanja tibqa' tal-fehma li mhemmx ġustifikazzjoni għall-emendar ta' ċerti punti speċifiċi tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 permezz ta' regolamentazzjoni speċjali dwar l-ikel ġdid. Wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-emendar tar-Regolament (KE) Nru 258/97 huwa li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 dwar l-ikel ġdid, u b'hekk tiġi applikata l-proċedura ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 għall-ikel ġdid. L-approċċ attwalment propost mhux ser jikseb l-oġġettiv maħsub ta' armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni fis-settur tal-ikel. Barra minn hekk, għad iridu jiġu solvuti għadd ta' kwistjonijiet orizzontali, li jistgħu jkunu ta' importanza deċiżiva għall-abbozz ta' Regolament attwali.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI MARZU 2010			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni Il-qbil politiku tal-Kunsill ta' Ġunju 2009 qies li l-adattament tad-definizzjoni ta' nanomaterjali maħdumin għall-progress xjentifiku u tekniku u għad-definizzjonijiet maqbula sussegwentement fil-livell internazzjonali għandhom isiru f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju. Fil-pożizzjoni attwali tal-Kunsill fl-ewwel qari l-adattament ta' din id-definizzjoni hu limitat għall-adozzjoni ta' kriterji ulterjuri li jiċċarawha. L-ewwel nett, din il-modifika timplika li kwalunkwe adattament tad-definizzjoni nnifisha jkun possibbli biss permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kummissjoni topponi din il-limitazzjoni minħabba li tipprevjeni li din id-definizzjoni tirrifletti l-aħjar stat tax-xjenza u jkollha konsegwenzi negattivi għall-innovazzjoni fl-industrija tal-ikel. Barra minn hekk, il-Kummissjoni topponi l-adozzjoni ta' kriterji ulterjuri li jiċċaraw id-definizzjonijiet permezz ta' atti implimentattivi skont l-Artikolu 291 TFUE. Il-Kummissjoni tqis li l-adozzjoni ta' dawn il-kriterji timplika li elementi mhux essenzjali tar-Regolament jiġu ssupplimentati u għaldaqstant huma għandhom ikunu adottati permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE. Dan japplika għal definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(a)(i) sa (iv) dwar is-sottokategoriji ta' ikel ġdid, għall-Artikolu 3(2)(c) dwar nanomaterjali maħdumin, u għall-Artikolu 3(2)(d) u (e) relatat ma' ikel tradizzjonali minn pajjiżi terzi.			
It-3003 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell, fil-15 ta' Marzu 2010 Direttiva tal-Kunsill 2010/23/UE tas-16 ta' Marzu 2010 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront tal- fornimenti ta' ċerti servizzi suxxettibbli għal frodi	5984/6/10 REV 6	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
MARZU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Stqarrija mill-Kunsill Il-Kunsill ser jibqa' jaħdem fuq elementi oħrajn tal-proposta fir-rigward tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għat-telefowns ċellulari u apparati b'ċirkuwitu elettroniku bil-ħsieb li jintlaħaq qbil malajr kemm jista' jkun. Sakemm jintlaħaq qbil dwar il-proposta, fil-każ ta' talba ġustifikata minn Stat Membru skont l-Artikolu 395 tad-direttiva dwar il-VAT (2006/112) għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għat-telefowns ċellulari u apparati elettroniċi, il-Kummissjoni ddikjarat li ser tippreżenta proposta għal deroga qabel Ġunju 2010. L-Istati Membri li attwalment huma awtorizzati biex japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge għal telefons ċellulari u apparati b'ċirkwit elettroniku ser ikunu jistgħu jkomplu japplikawh sakemm jintlaħaq qbil dwar deċiżjoni ġdida jew direttiva ġdida.			
Dikjarazzjoni mill-Belġju, Franza u l-Italja Il-paragrafu 3 tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill għandu jinftehem bħala sempliċi konferma li t-tkomplija tal-ħidma fir-rigward tal-proposta leġislattiva dwar it-telefons ċellulari u/jew id-derogi potenzjali li għandhom jingħataw skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva dwar il-VAT, ma għandhiex timpedixxi li jkomplu jiġu applikati d-derogi eżistenti f'dan ir-rigward f'konformità mal-kondizzjonijiet eżistenti tagħhom.			
Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra	5567/4/10 REV 4	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tiddikjara li l-formulazzjoni tal-Artikolu 4(7) toffri għażliet differenti lill-Istati Membri dwar kif l-aħjar jorganizzaw b'mod intern biex jiggarantixxu komunikazzjoni effiċjenti mal-Istati Membri l-oħra.			
Dikjarazzjoni mill-Awstrija Ir-Repubblika tal-Awstrija tiddikjara li l-espressjoni "tariffi" fl-Artikolu 2(3)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill rigward assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra ma tkoprix - irrispettivament mill-klassifikazzjoni tagħhom - il-ħlasijiet li ċ-ċittadini jagħmlu lill-Istat jew lis-subdiviżjonijiet territorjali jew amministrattivi tiegħu skont id-dispożizzjonijiet legali mingħajr ma jkun intitolati li jkollhom servizz partikolari.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATIVI MARZU 2010			
TITOLU TAL-ATT LEGISLATIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
It-3005 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN), li saret fi Brussell fit-22 ta' Marzu 2010 Regolament (UE) Nru 265/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li jemenda l-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-moviment tal-persuni li jkollhom viża għal soġġorn fit-tul Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirrikonoxxu l-importanza tal-eżistenza ta' sett ta' regoli komprensiv u koerenti, fil-livell tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedi livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali fil-qafas tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II). F'każ ta' aktar dewmien importanti fl-implimentazzjoni ta' SIS II, li jaqbeż l-2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti leġiżlattivi meħtieġa li jemendaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen bil-għan li jiġi garantit livell ta' protezzjoni tad-data personali mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ekwivalenti għall-istandards stabbiliti għas-SIS II. Stqarrija mill-Kunsill Kif kien enfasizzat mill-Kunsill Ewropew f'Tessaloniki fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2003, "fl-UE jenħtieġ approċċ koerenti dwar l-identifikaturi bijometriċi jew id-data bijometrika, li jirriżulta f'soluzzjonijiet armonizzati għal dokumenti għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-passaporti taċ-ċittadini tal-UE u s-sistemi ta' informazzjoni". Għalhekk, hu mixtieq li tali soluzzjoni armonizzata, fil-futur tkopri wkoll il-viżi għal soġġorn fit-tul. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-użu possibbli tal-identifikaturi bijometriċi fir-rigward tal-viżi għal soġġorn fit-tul u tippreżenta r-riżultati ta' dan l-istudju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Lulju 2011.	PE-CONS 5/10 + COR 1 (sv) + COR 2 (lv) + COR 3 (sl) + REV 1 (sk) + REV 2 (de)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħliet: astensjoni: HU, PL, EL

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
MARZU 2010**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tad-Delegazzjoni Ġermaniża Id-delegazzjoni Ġermaniża tapprova t-test ta' kompromess u taqbel miegħu. Madankollu, fil-fehma tal-Ġermanja, l-istabbiliment ta' obbligu li l-awtoritajiet ċentrali jkunu kkonsultati fir-rigward ta' ċittadini kollha li għalihom hija meħtieġa konsultazzjoni bħal din għall-viżi tat-tip C kien ukoll opportun għal dawk li trid tinħarġilhom viża tat-tip D. Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Griega Il-Greċja tqis, bħala importanti, il-ħtieġa li tinstab soluzzjoni Prattika għas-sitwazzjoni preżenti rigward il-viżi nazzjonali, sabiex jiġi kopert il-vojt leġislattiv maħluq mir-revoka mgħaġġla tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1091/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-libertà ta' moviment b'viża għal soġġorn fit-tul. Fil-prinċipju aħna naqblu mas-soluzzjoni proposta, li tippermetti li ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom viżi validi għal soġġorn fit-tul jivvjaġġaw aktar liberament milli attwalment fiż-żona Schengen, u b'hekk ittejjeb il-kuntatti bejn in-nies u tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku. Madankollu aħna tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni għall-evitar tal-ħolqien ta' problemi ġodda meta nippruvaw nirrimedjaw għal dawk eżistenti. F'din il-perspettiva il-Greċja ripetutament esprimiet il-fehma li, f'ċerti każijiet, l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt jillimitaw il-possibbiltà li detentur ta' viża nazzjonali jkun jista' jiċċirkola liberament u għandhom ikollhom id-dritt li joħoġu viżi nazzjonali b'validità territorjali limitata (D-LTV). Aħna nnutajna li hemm riskju għoli ta' abbuż mid-dritt tal-moviment liberu u, b'hekk, il-potenzjal ta' aktar pressjoni ta' migrazzjoni illegali li ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jippreżentaw. Kull sena ċerti awtoritajiet konsulari Griegi joħorġu għadd konsiderevoli ta' tali viżi nazzjonali, iżda l-Greċja m'għandhiex tinżamm responsabbli jekk id-detenturi tagħhom, b'abbuż mid-dritt tagħhom li jivvjaġġaw liberament, ikunu vvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor [anke jekk ma jissodisfawx ir-rekwiżiti fir-rigward tal-mezzi ta' sussistenza (ara l-Artikolu 5(1)(c) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)]. Barra minn hekk, il-Greċja tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-applikanti jistgħu jiltaqgħu ma' dewmien fil-ħruġ ta' viżi għal soġġorn fit-tul minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament. Il-Greċja hija tal-fehma li l-Istati Membri għandu jkollhom l-alternattiva joħorġu viżi nazzjonali validi biss għat-territorju tagħhom, fil-każ ta' tweġiba negattiva jew tardiva fil-proċedura ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (CIS). Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Greċja qiegħda titlob lill-Kummissjoni taċċellera l-valutazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għadhom kif ġew adottati u tippreżenta r-rapport previst fl-Artikolu 2b mill-aktar fis possibbli, sabiex jiġi emendat ir-Regolament sabiex jissaħħu l-effettività u l-valur miżjud tiegħu billi jiġu eliminati d-dgħufijiet jew in-nuqqasijiet possibbli deskritti hawn fuq.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATIVI OĦRAJN MARZU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
L-2999 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA u RIĊERKA), li saret fi Brussell fl-1 u t-2 ta' Marzu 2010	
2010/129/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/129/PESK tal-1 ta' Marzu 2010 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK dwar miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja 5806/10 + COR 1 (de)	
2010/126/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/126/PESK tal-1 ta' Marzu 2009 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja 5502/10	
2010/127/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/127 tal-1 ta' Marzu 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Eritrea 5534/10	
2010/128/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/128/PESK tal-1 ta' Marzu 2010 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq 5789/10	
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 168/2010 tal-1 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq 5791/10	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
MARZU 2010**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 195/2010 tal-1 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1202/2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-alkoħol furfuriliku li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' "esportatur ġdid" skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 6334/10 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa għal politika industrijali ġdida 6279/3/10 REV 3 + REV 3 COR 2 Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2010 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fis-suq intern, 6363/10 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Reviżjoni tal-Istrutturi u l-Mekkaniżmi tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka 6666/10 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mobbiltà u l-karrieri tar-riċerkaturi Ewropej 6362/2/10 REV 2	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN MARZU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
It-3000 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJET TAL-KONSUMATUR), li saret fi Brussell fit-8 u d-9 ta' Marzu 2010 Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) 16945/09 Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Latvjana Suġġett: It-traduzzjoni tat-terminu "leave tal-ġenituri" bil-Latvjan Il-LATVJA tinnota li, fil-verżjoni Latvjana tad-Direttiva tal-Kunsill li għandha tiġi adottata, it-terminu oriġinali Ingliż "parental leave" huwa tradott bit-terminu Latvjan "vecāku atvaļinājums". Fil-verżjoni Latvjana tad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE, li issa hija revokata minn din id-Direttiva, it-terminu Ingliż "parental leave" kien tradott bħala "bērna kopšanas atvaļinājums". Il-LATVJA tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dawn it-termini differenti bil-Latvjan bl-ebda mod ma jirriflettu xi bidla fis-sustanza fir-rigward tat-terminu Ingliż "parental leave" kif użat fiż-żewġ Direttivi msemmija hawn fuq. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar sistemi għall-ġbir ta' informazzjoni dwar drogi 6607/10 + COR 1 (de) 2010/145/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/145/PESK tat-8 ta' Marzu 2010 li ġġedded miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) 6534/10 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eradikazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa fl-Unjoni Ewropea 6585/10 + REV 1 (hu) + REV 2 (pt)	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN MARZU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
It-3001 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fi Brussell fil-11 u t-12 ta' Marzu 2010 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea rigward l-abbozz ta' Deċiżjoni 1/2003 u l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni 1/2003 tal-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim Interbus dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank 6087/10 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faroe dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, li jassoċja lill-Gżejjer Faroe mas-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni (2007-2013) 5475/10 + COR 1 (hu) + REV 1 (mt) 2010/197/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/197/PESK tal-31 ta' Marzu 2010 dwar il-varar ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) 2010/179/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK tal-11 ta' Marzu 2010 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC fil-kontroll ta' armi fil-Balkani tal-Punent, fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u tal-munizzjon tagħhom 5379/10 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "L-Investment fl-Iżvilupp ta' Teknoloġiji b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju (Pjan SET)" 6688/10 + COR 1	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
MARZU 2010**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
It-3002 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fi Brussell fil-15 ta' Marzu 2010 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 219/2010 tal-15 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 53/2010 rigward l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u wara l-konklużjoni tal-arranġamenti bilaterali dwar is-sajd għall-2010 man-Norveġja u l-Ġżejjer Faroe 6095/1/10 REV 1 Dikjarazzjoni konġunta mid-Danimarka u l-Isvezja Id-Danimarka u l-Isvezja huma tal-fehma li t-TAC għall-barbun tat-tbajja' fil-Kattegat ma tirriflettix stabbiltà relattiva u għalhekk hija soluzzjoni ad-hoc għall-2010. Il-barbun tat-tbajja' fi Skagerrak u l-Kattegat jikkostitwixxi stokk wieħed, u l-allokazzjoni tat-TAC ġenerali għall-barbun tat-tbajja' bejn iż-żoni hija 80/20. Dikjarazzjoni mill-Olanda Il-Pajjiżi l-Baxxi jifhmu l-importanza tal-qbil annwali bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea u, b'mod ġenerali, japprezzaw il-kontribut tiegħu biex tintlaħaq ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet konġunti fil-Baħar tat-Tramuntana. Il-Pajjiżi l-Baxxi jappoġġaw l-eżitu fir-rigward tal-ġestjoni konġunta tal-istokkijiet tal-Baħar tat-Tramuntana. Il-Pajjiżi l-Baxxi jaċċettaw ukoll il-qbil pluriennali dwar il-ġestjoni tal-kavalli. Il-Pajjiżi l-Baxxi jinnotaw li hemm żbilanċ sinifikanti u strutturali bejn l-Istati Membri li jibbenefikaw mill-iskambju tal-kwota u l-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-bilanċ f'dan il-qbil. Il-kontribut tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-bilanċ għall-2010 huwa konsiderevoli u sproporzjonat. Il-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-opinjoni li l-Istati Membri li jibbenefikaw mill-opportunitajiet tas-sajd li toffri n-Norveġja, bħall-Merluzz tal-Artiku, għandhom għaldaqstant jikkontribwixxu għall-bilanċ. B'kont meħud tal-elementi kollha, il-Pajjiżi l-Baxxi ma jistgħux jappoġġaw l-eżitu tal-konsultazzjonijiet bilaterali man-Norveġja għall-Unjoni Ewropea. Il-Pajjiżi l-Baxxi jħeġġu lill-Kummissjoni Ewropea biex tirrevedi l-mod li bih l-iskambju tal-kwota huwa stabbilit bejn l-UE u n-Norveġja u biex jinkiseb bilanċ ġust bejn il-kontribut tal-Istati Membri għall-bilanċ fl-iskambju tal-possibiltajiet tas-sajd.	Maġġoranza kwalifikata; L-Istati Membri kollha favur, ħlief: kontra: NL

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN MARZU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tibdil fil-klima: Segwitu għall-Konferenza ta' Kopenhagen (7-19 ta' Diċembru 2009) 7562/10 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bijodiversità: Viżjoni u miri tal-UE u globali għal wara l-2010 u s-sistema legali internazzjonali tal-ABS 7536/10 It-3003 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell, fil-15 ta' Marzu 2010 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tas-servizzi finanzjarji intermedjarji mkejla b'mod indirett (FISIM) għall-istabbiliment tad-dħul nazzjonali gross (DNG) użat għall-finijiet tal-baġit tal-Unjoni Ewropea u r-riżorsi proprji tagħha 5946/10 + COR 1 (et) + REV 1 (ro) Dikjarazzjoni tal-Belġju Il-Belġju jagħti sinifikat konsiderevoli lill-proposti tal-Kummissjoni dwar l-allokazzjoni tas-servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament għall-istabbiliment tad-dħul nazzjonali gross (DNG) użat għall-finijiet tal-baġit tal-Komunitajiet Ewropej u r-riżorsi proprji tagħhom. Dawn il-proposti ġew ippreżentati kif maqbul fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 448/98 tas-16 ta' Frar 1998 li jikkompleta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996, implimentat mill-1 ta' Jannar 2005 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1889/2002 tat-23 ta' Ottubru 2002. Il-Belġju jaqbel mal-proposti u jilqa' dan il-mod aktar preċiż, u mqassam aħjar għall-istima tal-porzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri tad-DNG Komunitarju. Minkejja dan il-Belġju juri dispjaċir għall-impossibbiltà, f'din l-okkażjoni, li jintlaħaq qbil dwar l-effett retroattiv tad-dispożizzjonijiet il-ġodda, li kellhom japplikaw b'effett mill-1 ta' Jannar 2005. Jidher li, dwar id-dħul, hemm Prattika kemmxejn konsistenti li permezz tagħha l-effett ta' dispożizzjonijiet ġodda jitressaq għal data preċedenti, għaż-żmien meta dwarhom ittiegħdet deċiżjoni formalment. B'mod partikolari, dan kien il-każ reċentement mad-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Marzu 2009, tad-	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
MARZU 2010**

ATTI OĦRAJN

Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi

Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar rizersi proprji. Dik il-prattika ma ġietx segwita f'dan il-każ, fatt li dwaru l-Belġju juri dispjaċir.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ewropa 2020
7586/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħruġ finanzjarju
7587/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġiji ta' ħruġ għal miżuri relatati mal-kriżi fis-swieq tax-xogħol u tal-prodotti
7588/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament tat-tibdil fil-klima
7591/10

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida tal-baġit għall-2011
6794/10

L-3004 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-22 ta' Marzu 2010

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar il-parteċipazzjoni tal-Montenegro fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Operazzjoni Atalanta)
6976/10

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN MARZU 2010	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
It-3005 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJJIET BARRANIN), li saret fi Brussell fit-22 ta' Marzu 2010 2010/168/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/168/PESK tat-22 ta' Marzu 2010 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan 7017/10 Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar Aċċess Liberu għall-informazzjoni fl-Iran 7644/10 Konklużjonijiet tal-Kunsill - il-pożizzjoni tal-UE għall-Konferenza Internazzjonali ta' New York dwar il-Haiti 7603/10 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan 7585/10 It-3006 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fi Brussel fil-29 ta' Marzu 2010 Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 452/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw, fost oħrajn, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 7330/10	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
MARZU 2010**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2007/641/KE dwar il-konklużjoni ta' konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u l-Artikolu 37 tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp 6984/10 2010/186/PESK: Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/186/PESK tad-29 ta' Marzu 2010 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea 7447/10 + ADD 1 REV 1 Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra 11568/1/07 REV 1 Proċedura bil-miktub konkluża fil-31 ta' Marzu 2010 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-varar ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) 7574/10	